# Mnejn Jgħaddi Kristu

Joe Friggieri

Mnejn jgħaddi Kristu ma jsawwabx ħlief barka:
min kien mifluġ iqum mill-art u jimxi,
min kien bla dawl iħoss għajnejh jinfetħu
u jara s-siġar qishom nies u l-baħar.

Mnejn jgħaddi Kristu
ix-xagħri jieħu r-ruħ u jibda jwarrad
u fid-deżert jiftaħ bħal ġamra nar
il-fjur tal-kaktus.

Mnejn jgħaddi Kristu
biżżejjed tmiss it-tarf tal-libsa tiegħu
u tħoss nixxiegħa friska taqbeż f'ruħek.

Biżżejjed meta jgħaddi Kristu
li jolqtok biss id-dell tal-mixja tiegħu
biex dak li kien dagħbien ifur bid-dija.